DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI .................................. ĦINIJIET ................ POST: ..............................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI .....................................                DATA/DATI .......................................

DIRETTUR/REĠISTA: ................................

*Notamenti*

## GĦASFUR TAĊ-ĊOMB

*3 Att, 1 Xena, p.117 (M)*

## NIKOLA

**IL-BAĦĦ U S-SIKTA ETERNA.**

Int, Samwel – intom f'din m'għandkomx x'taqsmu. Isimgħuni – jekk tridu ssibu xi ħtija, jekk jeħtieġ li xi ħadd ikun ħati – jekk xi ħadd jeħtieġ li jpatti, ħa npatti jien. Li kieku naf inpatti aktar.

Għax ħsibt li stajt infassal il-għada, għidt kburi u agħma li kont: Għada xejn ma sa jiġri. Għada ma sa jinbidel xejn. Għax hekk irrid jien! Għax hekk irrid jien, Tereża...

Jien, jien, jien! Issa naf – issa naf! Naf li wkoll kieku kont Ġobb – li kieku l-Mulej staqsa lili – Jewwilla int għandek driegħ bħal Alla! – jien lanqas ma kont naf ngħidlu le kieku.

X'suppervja għamja! Għax mingħalik tista' tfassal pjan u tagħmilha ta' profeta tiegħu – u tfittex motivi u sinjali mis-Sema biex tiġġustifika ruħek – u biex tiġġustifika l-baħħ – il-Baħħ u s-Sikta eterna ta' madwarek. Imma kienet biss logħba – logħba ma' Alla li kont naf li sa nitlef.

Bla ma ridt – għalkemm xorta kont naf x'qed nagħmel – ippruvajt inġarrbu – ippruvajt nisfurzalu jdejh! Qisni lgħabt mal-baħħ… u xorta tlift. *(160)*

**ĦIN** MASSIMU ........... MINIMU ............

**PROPS** ..............................................................

**VIS Á VIS** LE ☐ IVA ☐ = ..............................

**SILTA** DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN.